## QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMĦALLEF

## ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 30 ta' Novembru 2016**

**App. Nru. 293/2013 DS**

**Il-Pulizija**
**v.**
**Louis Arpa**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Louis Arpa, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 643549(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, għax-xahar ta' Lulju 2012 sa Jannar 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Mary Arpa u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Ġunju 2013 li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Louis Arpa ħati u kkundannatu xahrejn priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Louis Arpa ppreżentat fid-19 ta' Gunju 2013, fejn talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi ssibu mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement tilliberah minn kull

ħtija u piena u, fin-nuqqas, li tagħti piena li tkun tagħmel aktar għaċ-ċirkostanzi tal-każ;

**4.** Rat il-provvediment li ngħata fil-25 ta' Marzu 2015 li permezz tiegħu din il-Qorti ssoprassjediet pendenti l-eżitu ta' kawża ċivili pendenti bejn l-appellant u l-mara tiegħu rigwardanti l-kwistjoni tal-manteniment u b'liema provvediment l-appell ġie differit *sine die*;

**5.** Rat illi wara nota preżentata mill-*parte civile* li permezz tagħha nformat lil din il-Qorti li l-appellant hallasha l-arretrati tal-manteniment u ma għandhiex aktar interess f'dawn il-proċeduri, din il-Qorti rriappuntat l-appell għallum. Fis-seduta tallum Dr Joseph Mifsud għall-appellant ippreżenta kopja ta' kuntratt li sar bejn l-appellant u l-mara tiegħu permezz ta' liema kuntratt sar pagament tal-arretrati kollha dovuti. Dehret ukoll Dr Anna Mallia għall-*parte civile* li kkonfermat illi sar il-pagament tal-arretrati kollha tal-manteniment;

**6.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; ikkunsidrat:

**7.** Dan il-każ kellu fih ċirkostanzi partikolari. L-appellant u martu sseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni datat 24 ta' Jannar 2002 u l-appellant kien tal-fehma li kellu dritt iwaqqaf (mingħajr ma jadixxi lill-Qorti kompetenti) milli jħallas manteniment għax dehrlu li avverrat ruħha klawsola partikolari li kien hemm fl-imsemmi kuntratt. Din il-Qorti osservat li martu ma tatx bidu għal dawn il-proċeduri mill-ewwel. Pero`, wara li l-kawża ċivili bejn l-appellant u martu ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, l-appellant ħallas l-arretrati kollha. Teknikament jibqa' jeżisti r-reat iżda fiċ-ċirkostanzi kollha partikolari tal-każ din il-Qorti sejra tagħti l-provvediment infraskritt.

**8.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannatu xahrejn priġunerija u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bla kundizzjoni (absolute discharge), filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur